2024/246

17.1.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/246

tas-16 ta' Jannar 2024

li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-*Pythium oligandrum* tar-razza M1, it-*Trichoderma atroviride* tar-razza AGR2, u t-*Trichoderma atroviride* tar-razza AT10

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ma ġewx stabbiliti livelli massimi speċifiċi ("MRLs") għall-*Pythium oligandrum* tar-razza M1, it-*Trichoderma atroviride* tar-razza AGR2 u t-*Trichoderma atroviride* tar-razza AT10. Għaldaqstant għal dawk is-sustanzi attivi japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1), il-punt (b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2314 ([2]) ġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva *Pythium oligandrum* tar-razza M1. Waqt ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċida tas-sustanza attiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") kkonkludiet ([4]) li kien hemm xi informazzjoni nieqsa b'rabta mal-valutazzjoni tar-riskju dijetetiku għall-konsumaturi u għalhekk kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Kif ġie stabbilit fir-rapport ta' rieżami dwar dik is-sustanza attiva ([5]) fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riskju skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-*Pythium oligandrum* tar-razza M1 mhijiex patoġenika għall-bnedmin, mhijiex mistennija tipproduċi tossini li huma rilevanti għal saħħet il-bniedem, u r-riskju għall-bnedmin permezz ta' metaboliti huwa negliġibbli. Meta jitqiesu r-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanza attiva, *Pythium oligandrum* tar-razza M1, it-tiġdid tar-rapport ta' rieżami u l-Artikolu 5 u l-Artikolu 14(2), il-punti (a), (c) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, ma hemmx għalfejn jiġu stabbiliti MRLs għal din is-sustanza attiva u għalhekk jixraq li s-sustanza attiva *Pythium oligandrum* tar-razza M1 tiddaħħal fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2314 tal-25 ta' Novembru 2022 li jiġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva *Pythium oligandrum* tar-razza M1, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 307, 28.11.2022, p. 47).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

([4]) Il-Konklużjoni dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva *Pythium oligandrum* tar-razza M1 (*EFSA Journal* 2020;18(11):6296).

([5]) Ir-rapport ta' tiġdid għas-sustanza attiva *Pythium oligandrum* tar-razza M1 iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Ottubru 2022 fid-dawl tat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-Pythium oligandrum tar-razza M1 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 (https://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/start/screen/active-substances/details/1102).

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/216 ([6]) approva s-sustanza attiva b'riskju baxx *Trichoderma atroviride* tar-razza AGR2. Waqt ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċida tas-sustanza attiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-Awtorità kkonkludiet ([7]) li kien hemm xi informazzjoni nieqsa b'rabta mal-valutazzjoni tar-riskju dijetetiku għall-konsumaturi u għalhekk kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Kif ġie stabbilit fir-rapport ta' rieżami dwar dik is-sustanza attiva ([8]) fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riskju skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, it-*Trichoderma atroviride* tar-razza AGR2 mhijiex patoġenika għall-bnedmin, mhijiex mistennija tipproduċi tossini li huma rilevanti għal saħħet il-bniedem, u r-riskju għall-bnedmin permezz ta' metaboliti huwa negliġibbli. Meta jitqiesu r-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanza attiva *Trichoderma atroviride* tar-razza AGR2, ir-rapport ta' rieżami, u l-Artikolu 5 u l-Artikolu 14(2), il-punti (a), (c) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, ma hemmx għalfejn jiġu stabbiliti MRLs għal din is-sustanza attiva u għalhekk jixraq li s-sustanza attiva *Trichoderma atroviride* tar-razza AGR2 tiddaħħal fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/199 ([9]) approva s-sustanza attiva b'riskju baxx, *Trichoderma atroviride* tar-razza AT10. Waqt ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċida tas-sustanza attiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-Awtorità kkonkludiet ([10]) li kien hemm xi informazzjoni nieqsa b'rabta mal-valutazzjoni tar-riskju dijetetiku għall-konsumaturi u għalhekk kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Kif ġie stabbilit fir-rapport ta' rieżami dwar dik is-sustanza attiva ([11]) fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riskju skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, it-*Trichoderma atroviride* tar-razza AT10 mhijiex patoġenika għall-bnedmin, mhijiex mistennija tipproduċi tossini li huma rilevanti għal saħħet il-bniedem, u r-riskju għall-bnedmin permezz ta' metaboliti huwa negliġibbli. Meta jitqiesu r-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanza attiva *Trichoderma atroviride* tar-razza AT10, ir-rapport ta' rieżami, u l-Artikolu 5 u l-Artikolu 14(2), il-punti (a), (c) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, ma hemmx għalfejn jiġu stabbiliti MRLs għal din is-sustanza attiva u għalhekk jixraq li s-sustanza attiva *Trichoderma atroviride* tar-razza AT10 tiddaħħal fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/216 tal-1 ta' Frar 2023 li japprova s-sustanza attiva b'riskju baxx, *Trichoderma atroviride* AGR2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 30, 2.2.2023, p. 7).

([7]) Il-Konklużjoni dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva *Trichoderma atroviride* tar-razza AGR2 (*EFSA Journal* 2022;20(3)).

([8]) Ir-rapport ta' rieżami għas-sustanza attiva *Trichoderma atroviride* tar-razza AGR2 bħala sustanza b'riskju baxx iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, l-Ikel u l-Għalf fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2022 fid-dawl tal-approvazzjoni tat-*Trichoderma atroviride* tar-razza AGR2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 (https://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/start/screen/active-substances/details/1231).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/199 tat-30 ta' Jannar 2023 li japprova s-sustanza attiva b'riskju baxx *Trichoderma atroviride* AT10 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 27, 31.1.2023, p. 22).

([10]) Konklużjoni dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva *Trichoderma atroviride* tar-razza AT10 (*EFSA Journal* 2022; 20(4):7200).

([11]) Ir-rapport ta' rieżami għas-sustanza attiva *Trichoderma atroviride* tar-razza AT10 bħala sustanza b'riskju baxx iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2022 fid-dawl tal-approvazzjoni tar-razza AT10 tat-*Trichoderma atroviride* f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 (https://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/start/screen/active-substances/details/1268).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-entrati li ġejjin jiddaħħlu f'ordni alfabetika: *Pythium oligandrum* tar-razza M1, *Trichoderma atroviride* tar-razza AGR2 u *Trichoderma atroviride* tar-razza AT10.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN